25 ta' April 2005

# RAPPORT TAL-MUMN DWAR RIFORMA FIL-PENSJONIJIET

Il-Kunsill ta' l-MUMN flimkien mal-Kumitat tal-Pensjonanti fi hdan il-Union, analizza bir-reqqa l-proposti mressqa mill-'Pensioners Working Group' dwar riforma fil-pensjonijiet.

L-MUMN taqbel li s-sistema prezenti tal-pensjonijiet mhux ser tkun tista' tibqa sostenibbli jekk tibqa' kif inhi llum minhabba fatturi demografici. Kulhadd jaf li f'pajjizna ghandna popolazzjoni li qed tixjieh tant li fis-sena 2025 huwa stmat li r-rata ta' l-anzjani ser tkun tikkonsisti minn 25% tal-popolazzjoni maltija. Dan ser jeffettwa mhux biss f 'nuqqas fil-'Work Force' tal-pajjiz, izda ser izid fil-piz fuq dawk li jkunu qeghdin jahdmu. Minn naha l-ohra l-MUMN tosserva li n-numru ta' nies li jirregistraw ghax-xoghol qieghed kull ma jmur jizdied. Dan qed jigri minhabba diversi fatturi fosthom ristrutturar li qed isir f'kull livell ta' azjendi fejn permezz ta' avvanzi teknologici, n-numru ta' haddiema mehtiega qed jigi ridott.

F'dan il-qafas l-MUMN thoss li jekk l-eta' tal-pensjoni titla' ghal-65 sena u mhux talli hekk talli tippermetti li min ghandu 65 sena u aktar jista' jibqa jahdem, tkun qed tnaqqas l-opportunitajiet tax-xoghol liz-zghazagh. L-MUMN tipproponi li l-eta' tal-pensjoni, filwaqt li tkun l-istess tan-nisa w irgiel, din m'ghandhiex tkun aktar minn 63 sena. Wiehed irid jinsisti li l-istat ghandu l-obbligu li jiehu decizjonijiet li jara li s-sahha tac-cittadini tieghu tigi mharrsa u ghalhekk l-eta' tal-pensjoni ghandha tkun wahda tassattiva biex b'hekk l-individwu jkollu d-dritt li jirtira u jgawdi l-hajja. Barra minn hekk ghandhom jigu rrispettati ncentivi maqbula fi ftehim settorali dwar irtirar kmieni mix-xoghol b'mod partikolari fejn in-natura tax-xoghol tkun wahda li xjentifikament hija pprovata li thalli effetti negattivi fuq is-sahha tal-haddiem koncernat.

L-MUMN ma tistax taqbel li l-kalkolu ghall-pensjoni ghandu jkun ibbazat fuq medda ta' 40 sena ta' kontribuzzjoni ghax dan ser jeffettwa b'mod negattiv il-livell ta' l-ghajxien tal-pensjonanti li se jirtiraw b'din is-sistema. Il-Union tipproponi li l-haddiema ghandhom jikkontribwixxu ghall-perjodu ta' mhux inqas minn 35 sena izda l-pensjoni tigi kkalkulata fuq is-salarju ta' l-ahhar 10 snin. Barra minn hekk wiehed irid jikkonsidra bis-serjeta' jekk il-pensjoni ghandhiex tinhadem fuq salarju massimu ta' Lm6750. Ghall- MUMN dan mhux accettabbli u z-2/3 tal-pensjoni ghandha tinhadem minghajr cifra massima izda skond il-kontribuzzjoni matul iz-zmien.

L-MUMN tosserva li fir-rapport m'hemmx accenn ghall-proposti ta' tibdil fil-pensjonijiet li jinghataw fil-kazi ta' dizabbilita' u tar-romol. L-Union tikkonsidra dawn il-pensjonijiet ta' importanza wkoll u ghalhekk ghandu jkun hemm aggustament taghhom sabiex min jinghata din it-tip ta' pensjoni jkun jista' jghix hajja dicenti.

L-MUMN ma tistax taqbel mal-proposti ndikati fir-rapport imressqa mill-grupp immexxi min Dr. Spiteri Gingell li l-kontibuzzjoni moghtija mill-haddiema tizdied min 10% ghall-15% tas-salarju biex tigi ntrodotta t-tieni fazi proposta fir-rapport. L-Union issaqsi kif ser ikun garantit lill-haddiem li jikkontribwixxi taht din l-iskema li ser igawdi mill-istess skema kif indikat. X'garanzija ser jinghataw il-haddiema li min ser ikun responsabbli mit-tieni sistema ser ikun jista' jonora l-ftehim. Dan ifisser li l-haddiem jista' jkun li jikkontribwixxi 5% tas-salarju ghal snin twal izda ma jiehu xejn lura. L-Union tipproponi li t-tieni sistema tkun fuq bazi volontarja bhat-tielet sistema proposta izda din is-sistema tkun garantita permezz ta' Fond Nazzjonali u mhux ibbazata mis-settur privat.

Il-Union toserva li fil-proposti ndikati mill 'Pensions Working Group' ma hemm l-ebda pjan dwar kif ser inzidu l-partecipazzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xoghol sabiex l-ewwel nett igawdu minn pensjoni meta jkollhom l-eta' u t-tieni ghax huwa fattur stabbilit li jekk jizdied sostanzjalment in-numru ta' nisa jahdmu jkun ta' kontribut sostanzjali sabiex tissahhah l-ekonomija tal-pajjiz u l-pensjonijiet ikunu aktar sostenibbli. L-MUMN tinsisti li l-partijiet kollha koncernati, jigifieri l-Gvern, min ihaddem u r-rapprezentanti tal-haddiema ghandhom jinghaqdu flimkien sabiex jinstabu mizuri li verament iheggu lin-nisa jirritornaw lura fil-qasam produttiv. Dan jista' jsir billi jigu ntrodotti mizuri li filwaqt li jharrsu l-interessi tal-familja jaraw li ma jxekklux l-produttivita'.

L-Union issostni li f 'dawn ic-cirkustanzi fejn qed jigu diskussi materji ta' importanza nazzjonali mhux qed tinghata l-vuci misthoqqa u mhux tithalla taghti kontribut b'mod ekwu bhal organizzazjonijiet ohra f'pajjizna. Dan ghaliex sfurtunatament l-MUMN ma taghmilx parti mill-Kunsill Malti ghall-Izvilupp Ekonomiku u Socjali.

L-MUMN tosserva li r-rapport imressaq mill-grupp immexxi minn Dr Spiteri Gingell bl-ebda mod mhux r-riflessjoni tal-posizzjoni tal-Gvern u ghalhekk sal-llum ghadna ma nafux jekk il-Gvern hux ser jaddotta dan ir-rapport bhala bazi ghad-diskussjoni.

L-MUMN tissugerixxi li qabel ma tigi finalizzata l-ligi dwar ir-riforma fil-pensjojnijiet ghandhom isiru firxa ta' diskussjonijiet mill-partijiet kollha koncernati bla ebda esklussjoni ta' hadd. Fl-ahhar nett ghandha tissejjah konferenza nazzjonali fejn jinghataw dettalji dwar kif ser jigu effettwati c-cittadini qabel tghaddi l-ligi. L-MUMN tittama li l-kwistjoni dwar riforma fil-pensjoni ma tihux xejra ta' politika partiggjana izda l-poplu kollu bl-aktar sens matur u responsabbli jsib it-triq li hi vijabbli ghall-pajjizna.

Rudolph Cini
President
MUMN

Paul Bezzina
Chairman Pensjonanti
MUMN